MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-2 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 83/2003

**Associated Supplies Limited**

**vs**

**Constantino Galea**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:
1. ikun iddikjarat illi l-kuntratt ta' *leasing* ta' *airconditioning unit* (dok.A) iffirmat bejn il-kontendenti fil-25 ta' Lulju, 1997, fir-rigward tal-*leasing* ta' l-*airconditioning unit* ikkonsenjat lill-konvenut, skada fl-24 ta' Lulju, 2002;
2. ikun ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn, tlieta u tmenin lira Maltin (Lm283), dovuti mill-konvenut bhala arretrati ta' *leasing charge* li huwa kien tenut li jhallas lis-socjeta' attrici skond klawsola 2 tal-kuntratt imsemmi;

3. ikun iddikjarat li s-socjeta' attrici hija ntitolata illi titlob lura l-*airconditioning unit* formanti l-oggett tal-kuntratt tal-25 ta' Lulju, 1997; u
4. konsegwentement ikun ikkundannat sabiex, fiz-zmien qasir u perentorju illi joghgobha tipprefiggi dina l-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop, jirritorna l-imsemmija *airconditioning unit* fil-pussess tas-socjeta' attrici;
5. tawtorizza lis-socjeta' attrici sabiex, f'kaz ta' inadempjenza mill-konvenut, tiehu lura l-pussess ta' l-istess *airconditioning unit*, okkorrendo jekk ikun il-kaz taht is-sorveljanza ta' Perit nominat minn dina l-Oronabbli Qorti ghal dan l-iskop, u ghas-spejjez tal-konvenut;
6. ikun iddikjarat illi l-konvenut ostakola l-ezercizzju tad-dritt tas-socjeta' attrici illi jnehhi l-*airconditoner* mill-pussess tieghu, skond klawsola 12 tal-imsemmi kuntratt u li, ghalhekk l-konvenut rrenda ruhu responsabbli ghall-hlas tal-penali ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) kuljum, b'efett mid-data tal-24 ta' Lulju, 2002, sad-data illi fiha l-istess *airconditioning unit* jitqieghed fil-pussess tas-socjeta' attrici; u
7. ikun ikkundannat, kosegwentement, sabiex ihallas lis-socjeta' attrici dik il-penali ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) kuljum, b'effett mill-24 ta' Lulju, jew minn dik id-data illi joghgobha tipprefiggi dina l-Onorabbli Qorti, sad-data illi fiha l-konvenut effettivament jikkonsenja l-istess *air-conditioner* lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Settembru, 2002, u bl-imghaxijiet legali b'effett mill-24 ta' Lulju, 2002, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

B'riserva ghal kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lis-socjeta' attrici kontra l-konvenut ghall-hsarat li jistghu talvolta jkunu ezistensit fl-*airconditioning unit* meta jigi restitwit lis-socjeta' attrici.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-24 ta' Marzu, 2003, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kollha, b'dan illi tipprefiggi terminu ta' hmistax-il gurnata sabiex il-konvenut jirritorna l-*air-conditioning unit* lis-socjeta' attrici, u fin-nuqqas, tinnomina lil Vincent Ciliberti sabiex a spejjez tal-konvenut jassisti lis-socjeta' attrici tiehu lura l-pussess ta' l-istess *aircondioniner* bil-penali ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) kuljum li jibda jiddekorri ma' l-iskadenza tat-terminu fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------